MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2012

Numru 955/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Haber**

**vs**

**Mohamed Cheick Toure**

Rat li l-imputat Mohamed Cheick Toure ta’ 28 sena, nazzjonalita’ Guinea, imwieled f’Farana l-Guinea fis-7 ta’ Mejju 1984, iben Seko u Saio u detentur tan-numru moghti mill-Pulizija 09F-007 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’data mhux maghrufa bejn Awwissu u Settembru 2009, bhala persuna illi imbarka jew zbarka, minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-

Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-15 ta’ Gunju 2009 harab minn post ta’ kustodja pubblika, cioe’ Safi Detention Centre’ (Kap 9, Sec 151, 152 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-20 ta’ Settembru, 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li l-imputat kkopera fil-kors tal-investigazzjoni u kkunsidrat l-fatt ukoll gravita’ tar-reati li taghhom l-imputat qed jigi akkuzat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 151 u 152 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sitt(6) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------